CIBG
*Ministry of Health, Welfare and Sport*

# Avviż ta' informazzjoni għall-pazjenti dwar l-iskambju elettroniku transfruntier tas-Sommarju tal-Pazjent għall-pazjenti li jivvjaġġaw lejn in-Netherlands

Verżjoni V3.0, 2024/07/16 – NCPeH-NL

**In-Netherlands**
Dan l-avviż huwa maħsub biex jitolbok il-kunsens tiegħek biex tippermetti lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa fin-Netherlands jaċċessaw is-Sommarju tal-Pazjent tiegħek. Dan se jsir permezz tal-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għall-e-Saħħa tan-Netherlands *(NCPeH-NL)* u tan-network Ewropew ta' Saħħti@UE *(MyHealth@EU)*. Barra minn hekk, il-paġni 2 sa 3 ta' dan l-avviż jintużaw biex jinfurmawk dwar l-ipproċessar tad-data personali tiegħek u tad-drittijiet tiegħek.

**Skambju elettroniku transfruntier tas-Sommarju tal-Pazjent**
Is-Sommarju tal-Pazjent jiġi skambjat b'mod elettroniku permezz ta' infrastruttura Ewropea sikura u affidabbli msejħa Saħħti@UE *(MyHealth@EU)*, imsejħa wkoll l-Infrastruttura tas-Servizzi Diġitali tal-e-Saħħa *(eHDSI)*, li tgħaqqad il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-e-Saħħa *(NCPeH)* tal-istati membri Ewropej kollha li jissieħbu f'Saħħti@UE.

Hemm żewġ tipi ta' data personali pproċessati għall-iskambju elettroniku transfruntier tas-Sommarju tal-Pazjent:
- id-**dettalji amministrattivi** tal-pazjent, għall-finijiet ta' identifikazzjoni, u
- id-data dwar is-saħħa tal-pazjent kif speċifikata fis-**Sommarju tal-Pazjent**.

Id-*data* dwar is-saħħa tiegħek se tintuża biss sabiex inti tiġi pprovdut bil-kura tas-saħħa, jiġifieri bħala parti mit-trattament mediku tiegħek mill-professjonisti tal-kura tas-saħħa *(tobba/infermiera)* fin-Netherlands.

## 1 Formola ta' Kunsens

**Meta tiffirma din il-formola tkun qed tikkonferma li inti tagħti l-kunsens tiegħek għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek għall-finijiet li ġejjin:**
- Biex il-professjonist tal-kura tas-saħħa jikkonsulta l-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għall-e-Saħħa tan-Netherlands (NCPeH-NL) sabiex jaċċessa d-*data* dwar is-saħħa tiegħek;
- Biex l-NCPeH-NL tipproċessa l-informazzjoni personali tiegħek biex tikkonferma li s-Sommarju tal-Pazjent tiegħek huwa disponibbli permezz tal-infrastruttura Saħħti@UE (MyHealth@EU);
- Biex l-NCPeH-NL iwassal id-*data* disponibbli dwar is-saħħa tiegħek lill-professjonist tal-kura tas-saħħa kkonsultat fin-Netherlands.

1.1 Isem tal-pazjent ______________________

1.2 Data tat-twelid Month __ Day __ Year ____

1.3 Isem tal-isptar ______________________

1.4 Firma ______________________ Month __ Day __ Year ____

**Aktar informazzjoni dwar l-użu tad-*data* tiegħek tista' tinstab fil-paġni 2–3 ta' dan id-dokument.**

Tista' tirtira jew tibdel il-kunsens tiegħek fi kwalunkwe ħin billi tikkuntattja lill-NCPeH-NL, ara aktar dettalji fil-punt 7. Jekk jogħġbok innota li l-ipproċessar kollu tad-*data* personali tiegħek se jieqaf ladarba tkun irtirajt il-kunsens, għajr meta dan ikun meħtieġ mil-liġi, iżda dan ma jaffettwa l-ebda *data* personali li tkun diġà ġiet ipproċessata qabel dan il-punt.

# Avviż ta' Informazzjoni

## 1. X'inhi Saħħti@UE?

Is-Sommarju tal-Pazjent *(PS, Patient Summary)* jiġi trasferit elettronikament permezz ta' infrastruttura Ewropea sikura u affidabbli msejħa Saħħti@UE, imsejħa wkoll l-Infrastruttura tas-Servizzi Diġitali tal-e-Saħħa *(eHDSI)*, li tgħaqqad il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-e-Saħħa *(NCPeH)* tal-istati membri tal-Unjoni Ewropea. Saħħti@UE hija sistema elettronika transfruntiera li, bil-kunsens mogħti minn qabel tiegħek, tippermetti aċċess sikur u faċli għad-*data* dwar is-saħħa tiegħek għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa involuti fit-trattament tiegħek — f'kull ħin u minn kullimkien fi ħdan l-UE. Dan isir b'mezzi elettroniċi permezz ta' gateways siguri pprovduti mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-e-Saħħa nominati minn kull pajjiż.

Id-*data* personali dwar is-saħħa tiġi pprovduta b'mod elettroniku lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE) fejn jiġi ttrattat iċ-ċittadin ikkonċernat. Id-*data* tiġi skambjata mill-NCPeH ma' dawn il-professjonisti tal-kura tas-saħħa, u tiġi pproċessata u maħżuna minnhom f'konformità mal-liġi tan-Netherlands bħala l-pajjiż tat-trattament. Ara l-punt 6 għal informazzjoni speċifika għan-Netherlands.

## 2. Liema kategoriji tad-*data* personali (tas-saħħa) tiegħek jistgħu jiġu aċċessati?

Hemm żewġ tipi ta' *data* personali pproċessati wara l-kunsens tal-pazjent għall-iskambju elettroniku transfruntier tas-Sommarju tal-Pazjent:

- id-**dettalji amministrattivi** tal-pazjent, għall-finijiet ta' identifikazzjoni, u
- d-*data* personali u dwar is-saħħa tal-pazjent kif speċifikat fis-**Sommarju tal-Pazjent**.

Id-dettalji amministrattivi jinkludu l-informazzjoni li ġejja: l-isem u l-kunjom, id-data tat-twelid, is-sess u n-nazzjonalità.

Is-Sommarju tal-Pazjent *(PS)* ikopri sett standardizzat ta' *data* personali u dwar is-saħħa relatata mal-pazjent skambjata għall-finijiet ta' trattament u kura medika fi Stat Membru ieħor tal-UE. F'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data (GDPR, General Data Protection Regulation)*, id-"*data* dwar is-saħħa" tkopri *data* personali relatata mas-saħħa fiżika jew mentali, inkluża l-provvista ta' servizzi tal-kura tas-saħħa, li tiżvela informazzjoni dwar is-saħħa tal-pazjent.

Għalhekk, is-Sommarju tal-Pazjent jinkludi *data* essenzjali dwar is-saħħa li tikkonċerna l-pazjent, bħal allerġiji, medikazzjonijiet attwali, mard preċedenti, apparati mediċi/impjanti u proċeduri kirurġiċi, kif ukoll informazzjoni rilevanti dwar il-perkors tal-kura, biex jiġi żgurat li jingħata trattament xieraq lill-pazjent barra mill-pajjiż. Din id-*data* personali dwar is-saħħa hija disponibbli sakemm tkun diġà rreġistrata f'forma elettronika f'pajjiżek. Is-sors*(i)* ta' din id-*data* jvarja minn pajjiż għal ieħor.

Is-Sommarju tal-Pazjent fih ukoll id-dettalji amministrattivi tal-pazjent u jista' jkun fih ukoll informazzjoni ta' kuntatt, bħall-indirizz, in-numru tat-telefown, l-indirizz tal-posta elettronika, il-fornitur tal-kura tas-saħħa preferut, il-persuna ta' kuntatt jew il-kustodju legali tar-rappreżentant.

## 3. X'inhi l-bażi legali għall-użu tad-*data* personali tiegħek?

F'konformità mal-Artikoli 6, 7 u 9 tal-GDPR, is-servizzi Saħħti@UE se jkunu disponibbli **biss bil-kunsens espliċitu minn qabel tiegħek**. Jekk ma tajtx il-kunsens espliċitu tiegħek qabel ma vvjaġġajt **u/jew** qabel ma tingħata l-kura fin-Netherlands, id-*data* tiegħek mhux se tkun disponibbli fuq Saħħti@UE għall-fornitur tal-kura tas-saħħa, lanqas f'emerġenza.

Id-*data* personali tiegħek tiġi ttrasferita, ipproċessata u maħżuna f'konformità ma':

- id-dispożizzjonijiet tal-GDPR, id-Direttiva 2011/24/UE dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transfruntiera,
- il-ftehim bejn l-Istati Membri tal-UE dwar il-parteċipazzjoni fil-programm Ewropew "Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa" *(FNE)* eHDSI,
- il-Ftehim bejn l-Awtoritajiet Nazzjonali jew l-Organizzazzjonijiet Nazzjonali responsabbli għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-e-Saħħa *(NCPeH)* dwar il-Kriterji meħtieġa għall-parteċipazzjoni fis-Servizzi ta' Informazzjoni tal-e-Saħħa Transfruntieri, li jaħtar lis-CIBG bħala aġenzija eżekuttiva tal-Ministeru tal-Kura tas-Saħħa, il-Benesseri u l-Isport bħala l-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għall-e-Saħħa tan-Netherlands, u
- l-leġiżlazzjoni nazzjonali, bħall-Att dwar l-Implimentazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data (Uitvoeringswet Algemene verordening gegevensbescherming)* u *Wet aanvullende bepalingen verwerking persoonsgegevens in de zorg*.

Meta tirċievi trattament fin-Netherlands, id-*data* tiegħek se tinħażen fin-Netherlands skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* tal-UE, il-leġiżlazzjoni nazzjonali u r-regoli interni tal-fornitur tal-kura tas-saħħa partikolari. Ara l-punt 6 għal informazzjoni speċifika għan-Netherlands.

## 4. X'inhu l-għan tal-ipproċessar?

Id-*data* dwar is-saħħa tiegħek tintuża biss sabiex inti tiġi pprovdut bil-kura tas-saħħa, jiġifieri bħala parti mit-trattament mediku tiegħek mill-professjonisti tal-kura tas-saħħa *(tobba/infermiera)* fin-Netherlands.

Fin-Netherlands, id-*data* dwar is-saħħa kif tinsab fis-Sommarju tal-Pazjent tiegħek ma tiġi fl-ebda ħin ipproċessata għall-finijiet ta' riċerka jew statistika. Id-*data* amministrattiva għall-identifikazzjoni tiegħek biss tiġi pproċessata b'mod anonimu għall-finijiet tal-kompilazzjoni tal-istatistika, b'mod aktar speċifiku, l-istatistika kwantitattiva dwar l-għadd ta' trasferimenti elettroniċi transfruntiera mwettqa.

## 5. Min jipproċessa u jkollu aċċess għad-*data* tiegħek? (riċevituri tad-*data* personali)

Id-*data* dwar is-saħħa li tinsab fis-Sommarju tal-Pazjent tiegħek tkun aċċessibbli biss għall-professjonisti tas-saħħa awtorizzati fin-Netherlands li huma involuti fit-trattament tiegħek u huma marbuta bl-obbligu tas-segretezza professjonali.

Bħala l-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għall-e-Saħħa, is-CIBG tipproċessa d-*data* tiegħek biex tiżgura t-trażmissjoni sigura tagħha lejn u mill-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa u għar-reġistrazzjoni. Is-CIBG għandha aċċess biss għad-*data* amministrattiva relatata mal-identità tiegħek, li trid tiġi vverifikata mill-professjonist tas-saħħa fin-Netherlands bħala parti mit-talba għas-Sommarju tal-Pazjent.

Kull pajjiż li jawtorizza li jingħata trattament taħt Saħħti@UE impenja ruħu li jiżgura li l-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-fornituri tal-kura tas-saħħa fit-territorju tiegħu għandhom l-informazzjoni u t-taħriġ kollu meħtieġa u neċessarji biex iwettqu l-kompiti tagħhom u jissodisfaw l-obbligi tagħhom relatati mas-servizzi Saħħti@UE *(MyHealth@EU)*, u b'mod partikolari biex jissodisfaw l-obbligu ta' informazzjoni dwar il-pazjent skont l-Artikolu 13 tal-GDPR.

Għal aktar dettalji dwar il-pajjiżi parteċipanti, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tal-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għall-e-Saħħa tan-Netherlands www.ncpeh.nl.

Fl-aħħar nett, id-*data* dwar is-saħħa fis-Sommarju tal-Pazjent tiġi ttrasferita permezz ta' portal sigur ipprovdut mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għall-e-Saħħa magħżula minn kull pajjiż.

## 6. Fejn u għal kemm żmien tinħażen id-*data* personali?

Id-*data* personali miġbura tista' tinħażen fis-sistemi tal-informazzjoni tal-istituzzjonijiet tas-saħħa kemm f'pajjiżek kif ukoll fil-pajjiż fejn tingħata l-kura. Id-*data* ma għandhiex tinħażen għal aktar milli jkun meħtieġ għall-iskop li għalih id-*data* personali tiegħek tkun ġiet ipproċessata. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ftehim dwar it-Trattament Mediku fin-Netherlands, id-*data* fis-Sommarju tal-Pazjent tinħażen għal perjodu minimu ta' 20 sena fis-sistemi tal-informazzjoni tal-fornituri tal-kura tas-saħħa fin-Netherlands. In-NCPeH Netherlandiż *(NCPeH-NL)* jaħżen biss id-*data* rreġistrata u l-formoli ta' kunsens li jinħażnu għal 5 snin. Kemm il-fornitur tal-kura tas-saħħa kif ukoll l-NCPeH-NL jistgħu jħassru d-*data* personali tiegħek kollha, jew partijiet minnha, fuq it-talba tiegħek. Ara l-punt 7 għal aktar dettalji dwar id-drittijiet tal-privatezza tiegħek u kif tinvokahom.

## 7. X'inhuma d-drittijiet tiegħek u kif teżerċitahom?

Jekk taqbel mal-iskambju tad-*data* personali tiegħek kif disponibbli fis-Sommarju tal-Pazjent għall-finijiet ta' trattament mediku fin-Netherlands, permezz tas-servizzi Saħħti@UE, tista':

- teżerċita d-dritt tiegħek li taċċessa d-*data* tiegħek lejn il-fornitur tal-kura tas-saħħa lokali li jinkludi d-*data* fil-fajl mediku,
- titlob ir-rettifika ta' kwalunkwe *data* mhux preċiża skont l-Artikolu 16 tal-GDPR,
- fuq talba, tikseb it-tħassir tad-*data* tiegħek skont l-Artikolu 17 tal-GDPR,
- tirrestrinġi jew toġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* tiegħek skont l-Artikolu 21 tal-GDPR,
- tirtira l-kunsens tiegħek

billi tibgħat talba lill-professjonist tal-kura tas-saħħa li jipprovdi l-kura tiegħek fin-Netherlands u/jew lill-fornitur tal-kura tas-saħħa fejn ingħatat il-kura jew, alternattivament, lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għall-unità tal-protezzjoni tad-*data* tal-e-Saħħa, direttament permezz tal-indirizz tal-posta elettronika: info@ncpeh.nl.

Kif diġà indikat fil-punt 3 hawn fuq: jekk ma tagħtix il-kunsens espliċitu tiegħek għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek fil-kuntest tas-servizzi Saħħti@UE qabel ma tivvjaġġa u/jew qabel ma tingħata l-kura fin-Netherlands, id-*data* tiegħek mhux se tkun disponibbli fuq Saħħti@UE għall-fornitur tal-kura tas-saħħa, lanqas f'emerġenza.

F'każ ta' lmenti jew mistoqsijiet dwar id-drittijiet tiegħek li jirriżultaw mill-GDPR fin-Netherlands, tista' tikkuntattja lill-Awtorità Netherlandiża għad-*Data* Personali *(Autoriteit Persoonsgegevens)* permezz tal-formola ta' kuntatt disponibbli f' Ikkuntattjana | Autoriteit Persoonsgegevens. Il-lista tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tista' tinstab f' https://www.edpb.europa.eu/about-edpb/about-edpb/members_mt.

## 8. Kuntatt:

**Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għall-e-Saħħa — in-Netherlands**
CIBG
Kaxxa Postali 16114, 2515 XP The Hague
Indirizz fiżiku: Hoftoren, Rijnstraat 50, 2500 BC The Hague
The Netherlands
Tel. *(+3170)* 340 5487
www.ncpeh.nl

**Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data***
Is-CIBG hija aġenzija eżekuttiva tal-Ministeru tas-Saħħa, il-Benesseri u l-Isport *(VWS)* tan-Netherlands. Il-Ministeru tal-VWS għandu Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* indipendenti li r-rwol tiegħu huwa li jiżgura li d-*data* personali mill-Ministeru jew mill-aġenziji tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu, tiġi pproċessata f'konformità mal-GDPR u ma' dispożizzjonijiet regolatorji rilevanti oħra fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data*. Huwa dan l-Uffiċjal li jirċievi t-talbiet kollha mingħand is-suġġetti tad-*data* biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, kif ukoll il-mistoqsijiet u l-ilmenti kollha.

L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* jista' jiġi kkuntattjat bil-posta fl-indirizz tas-CIBG imsemmi hawn fuq *(għall-attenzjoni tal-unità tal-protezzjoni tad-data)* jew permezz tal-posta elettronika jew permezz tal-posta regolari fl-indirizzi li ġejjin:

- fg-vws@minvws.nl; jew
- Ministerie van Volksgezondheid, Welzijn en Sport
  FG VWS, Directie Bestuurlijke en Politieke Zaken
  Kaxxa Postali 20350, 2500 EJ The Hague
  The Netherlands

Tinħareġ konferma tar-riċevuta tat-talba, u d-*data* kollha skambjata f'dan il-qafas tiġi protetta bħala korrispondenza privata.

**Awtorità Netherlandiża għad-*Data* Personali**
Autoriteit Persoonsgegevens *(AP)*
Kaxxa Postali 93374, 2509 AJ The Hague
Indirizz fiżiku: Hoge Nieuwstraat 8, 2514 EL The Hague
The Netherlands
Tel. *(+31) (0)*88-1805 250
www.autoriteitpersoonsgegevens.nl/en